MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 17/2004

**Abraham Said ghan-nom ta' Abraham Supplies Co. Ltd.**

**Vs**

**Joseph Vella**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Tghid ghaliex inti konvenut m'ghandekx tkun ikkundannat thallas is-somma ta' elf mija u sebgha liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1007.33) bhala prezz ta' merkanzija gia mibjugha u kunsinnjata lilek oltre l-interessi legali ta' tmienja fil-mija (8%) fuq dan l-ammont miz-zmien tal-kunsinnja sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-tletin (30) t'April elfejn u tlieta (2003) tal-hamsa (5) ta' Awwissu,

elfejn u tlieta (2003) kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficcjali spedita f'Awwissu, elfejn u tlieta (2003).

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa inti konvenut diga inti ngunti."

Ra li l-konvenut gie debitament notifikat izda minkejja li ghadda t-terminu ma pprezenta l-ebda risposta;

Ra n-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat;

Ra li l-konvenut ma deherx fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2004 f'liema seduta l-kapitoli gew ipprezentati mis-socjeta' attrici, approvati mit-Tribunal u ssigillati mid-Deputat Registratur; u lanqas deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni u dan minghajr ma gab ebda raguni valida fil-ligi ghal dan in-nuqqas;

U billi dan igib mieghu il-konfessjoni prezunta tal-materja kkapitolata;

U billi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma wkoll permezz tad-deposizzjoni guramentata ta' Abraham Said, direttur tas-socjeta' attrici;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM1007.33 prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkunsinnata mis-socjeta' attrici bl-imghax legali mid-data tal-kunsinna sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji tat-30 t'April 2003 u tal-5 t'Awwissu 2003 kif ukoll tal-ittra ufficcjali t'Awwissu 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------